TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/140/23/S

Carmel Spadaro

vs

Energy Management Solutions Ltd.

Illum 16 t' Ottubru, 2025

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Carmel Spadaro ppreżentata fit-8 ta' Awwissu, 2023, filwaqt li s-soċjeta' Energy Management Solutions Ltd għalkemm debitament notifikata, baqgħet la ppreżentat risposta, iżda deher biss Jean Paul Micallef in rappreżentanza ta' l-istess soċjeta' li xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024;

Ikkunsidra

Illi jingħad mal-ewwel illi apparti x-xhieda ta' Jean Paul Micallef kif fuq ingħad, is-soċjeta' intimata naqset milli twieġeb formalment għat-talba ta' Carmel Spadaro u dehret biss għas-seduta tat-18 ta' Jannar 2024, fejn l-istess Jean Paul Micallef xehed u apparti diversi punti li mhumiex mertu tat-talba quddiem dan it-Tribunal, ammetta illi qatt ma kienet l-intenzjoni tas-soċjeta' intimata li ma jingħatax l-imsemmi rigal b'xejn;

Għalhekk it-Tribunal għandu quddiemu l-verżjoni ta' Carmel Spadaro kif ukoll il-konferma ta' Jean Paul Micallef għan-nom tas-soċjeta' intimata illi jikkonferma li qatt ma kienet l-intenzjoni li ma jingħatax rigal b'xejn imsemmi mill-istess rikorrenti;

Illi l-punti l-oħra ta' diverġenza bejn il-partijiet mhumiex mertu ta' din it-talba quddiem dan it-Tribunal u allura dan it-Tribunal ma jistax jindirizzahom u jikkunsidrahom fid-deċiżjoni tiegħu;

Illi t-Tribunal għandu quddiemu talba għal rigal b'xejn kif spjegat mir-rikorrenti u kkonfermat mix-xhud tas-soċjeta' intimata u għalhekk id-deċiżjoni ser tkun limitata dwar dan;

Illi jingħad ukoll li s-soċjeta' intimata ma rrispondietx għat-talba tar-rikorrenti, ħlief għax-xhieda ta' Jean Paul Micallef.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Carmel Spadaro u Jordna lis-soċjeta' intimata Energy Management Solutions Ltd sabiex tagħti r-rigal b'xejn kif indikat mill-istess Carmel Spadaro skond id-dokument bin-numru 7538 datat 28 ta' Novembru 2020 fejn hemm miktub illi r-rigal għandu jikkonsisti *f'washing machine* jew *f'tumble dryer*.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu kollha mis-soċjeta' Energy Management Solutions Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru